MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 61/2011/1

**Tarcisio Borg**

***v.***

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, u għal kull interess li jista' jkollha l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta’ rikuża tal-president ta’ din il-qorti, l-Onor. Prim’Imħallef Silvio Camilleri, imressqa mill-attur waqt is-seduta tat-3 ta’ Marzu 2014 għax “kien iddeċieda l-mandat ta’ inibizzjoni li hemm riferenza għalih fl-atti”. L-eċċezzjoni għalhekk jidher li tressqet taħt l-art. 734(1)(*d*)(i) u (ii) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> “**734.** (1) L-imħallef jista’ jiġi rrikużat jew jista’ jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża -
>
> “... ... ...
>
> “(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,
>
> “(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
>
> “Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*, ...”

2. F’din il-kawża l-attur qiegħed igħid illi ġie notifikat b’avviż ta’ twettiq maħruġ mill-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar [“l-Awtorità”]. Huwa kien talab, quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni biex iżomm lill-Awtorità milli tesegwixxi l-avviż iżda l-qorti, presjeduta mill-Onor. Silvio Camilleri, b’dikriet tat-30 t’Awissu 2011 ċaħdet it-talba wara li għamlet dawn il-konsider-azzjonijiet:

> “Rat ir-risposta tal-Awtorità intimata ... li bih .. eċċepiet l-improponibilità tal-mandat mitlub u għamlet riferenza għall-artikolu 55A tal-Kap. 356,

illum 90(3) tal-Kap. 504[1], li jipprovdi li m'għandu jinħareġ l-ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorità intimata meta tkun ser teżerċita l-jedd mogħti lilha skont il-liġi ta' *direct action*.

"... ... ... fil-kors tat-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrent saret riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (*Grand Chamber*) tal-15 ta' Ottubru 2009 fil-każ Micallef *vs* Malta u sostna li fuq l-iskorta tal-istess sentenza r-rikorrent ma għandux jiġi miċħud lilu aċċess għal qorti kif jimplika l-artikolu 90(3) tal-Kap. 504.

"...

"Qabel kollox irid jiġi determinat jekk il-mandat mitlub mir-rikorrenti hux skont il-liġi disponibbli għar-rikorrent fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-artikolu 90(3) tal-Kap. 504 jipprovdu kif ġej:

> ""**90.** (1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, l-Awtorità tista' tidħol fl-art, jew f'area tal-baħar u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmijin, inklużi l-iżmantellar jew ittneħħija ta' xi apparat, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew xi oġġetti oħra li jistgħu jkunu fis-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.
>
> "(2) Fejn it-tneħħija ta' żvilupp illegali bilfors tinvolvi t-tneħħija wkoll ta' żvilupp li mhux illegali, l-Awtorità tista' tipproċedi biex tneħħi wkoll dak l-iżvilupp l-ieħor li t-tneħħija tiegħu tkun meħtieġa kif hawn qabel imsemmi.
>
> "(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra u salv id-dispos-izzjonjiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma għandu jinħareg jew jingħata minn l-ebda qorti ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorità li jżommha milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu."

"L-għemil li minnu r-rikorrent irid jinibixxi lill-Awtorità intimata mani-festament jaqa' fis-setghat moghtija lilha mis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 90 fuq ċitat u għalhekk għat-talba tar-rikorrent josta d-divjet previst fis-subartikotu (3) tal-istess artikolu 90. Ir-rikorrent għamel riferenza għas-sentenza fuq imsemmija fil-każ Micallef *vs* Malta tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnedem iżda ma għamel ebda talba skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjcni jew skont l-artikolu 4 tal-Kap. 319 f'liema eventwalità dik it-talba kellha tkun dedotta formalment quddiem din il-qorti permezz la' rikors appożitu. Ir-rikorrent għamel biss riferenza għas-sentenza imsemmija fil-każ Micallef sabiex isostni t-talba tiegħu

[1] L-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

fir-rikors tiegħu għall-ħruġ tal-mandat mitlub u hija din is-sottomissjoni hekk arġinata li din il-qorti ser teżamina.

“Il-qorti eżaminat akkuratament is-sentenza ċitata mir-rikorrent iżda tikkonkludi li ma hemm xejn fiha li b’xi mod jimplika li din il-qorti għandha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti minkejja d-divjet tal-artikolu 90(3) tal-Kap. 504. Ma hemm xejn f’dik is-sentenza li jista’ jimplika li l-Istat irid neċessarjament jipprovdi għal xi miżuri interlokutorji (*interim measures*) in ġenerali jew għall-ħruġ ta’ xi mandat ta’ inibizzjoni bħal dak rikjest in partikolari. Dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropeja f’dak il-każ hu li f’dawk il-każijiet fejn il-liġi tipprevedi t-teħid ta’ miżuri interlokutorji bħal mandat ta’ inibizzjoni, u jekk dik il-miżura interlokutorja tista’ titqies deċiżiva ta’ dritt ċivili ta’ persuna, allura jkun applikabbli għaliha l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Minn dan hawnhekk ma hawn xejn. Fil-każ tar-rikorrent il-liġi ma tipprevedx fil-konfront tal-Awtorità intimata t-teħid ta’ miżura interlokutorja (*interim measure*), anzi teskludi tali miżura fir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-Awtorità intimata. Is-sentenza ċitata għalhekk rna tagħmilx għall-każ odjern.

“Għaldaqstant għat-talba tar-rikorrent tosta d-dispozizzjoni kategorika u tassativa tas-subartikolu (3) tal-artikolu 90 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta’ Malta li minħabba fiha t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa’.”

3. L-attur issa qiegħed igħid illi l-art. 90(3) tal-Kap. 504 jikser il-jedd tiegħu għal aċċess għal qorti, imħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u talab illi jingħata rimedji, fosthom illi l-qorti “tagħti provvediment *ad interim* b’mod urġenti” sabiex iżżomm lill-Awtorità milli tesegwixxi l-avviż ta’ twettiq.

4. Il-kwistjoni issa hi jekk bid-deċiżjoni tat-30 t’Awissu 2011 il-qorti kinitx effettivament iddeċidiet ukoll il-meritu tat-talba għal rimedju *ad interim*.

5. Li kieku l-qorti kienet qieset biss l-aspett “ċivili” tal-art. 90(3) tal-Kap. 504, ċertament ma kien ikun hemm ebda raġuni biex jiġi rekużat il-ġudikant li ppresjeda fuq dik il-qorti, għax il-meritu llum huwa differenti. Il-qorti iżda ma waqfix hemm għax qieset dik id-disposizzjoni tal-liġi fid-

dawl ukoll tal-interpretazzjoni mogħtija lill-art. 6 tal-Konvenzjoni mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk daħlet ukoll fl-aspett "kostituzzjonali" tal-kwistjoni, kif wara kollox kellha bilfors tagħmel biex tagħti interpretazzjoni tal-liġi ordinarja domestika li tkun "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni.

6. Jidher għalhekk illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tat-30 t'Awissu 2011 effettivament iddeċidiet ukoll dwar il-meritu tat-talba fir-rikors tallum għal rimedju *ad interim*.

7. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Onor. Prim'Imħallef Silvio Camilleri.

8. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-episodju jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------